**A.L. 83 tal-2011**

**ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)**

**Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Qafas biex Tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u s-Summien fir-Rebbiegħa**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtijin bl-artikoli 61 u 62 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Prim Ministru għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Qafas biex Tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u s-Summien fir-Rebbiegħa, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Qafas biex Tiġi Permessa Deroga li Tiftaħ l-Istaġun għall-Kaċċa tal-Gamiem u s-Summien fir-Rebbiegħa, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 504.94

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Fir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "permezz ta' avviż fil-Gazzetta." għandhom jidħlu l-kliem "permezz ta' avviż fil-Gazzetta:" u minnufih wara għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda l-Ministru ma għandux jiftaħ l-istaġun tal-kaċċa fir-Rebbiegħa meta l-kaċċa għaż-żewġ speċi konċernati matul l-istaġun tal-kaċċa matul il-ħarifa ta' qabel tista' tiġi kunsidrata bħala li tkun ikkostitwiet soluzzjoni sodisfaċenti skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, u meta jitqiesu l-limiti stabbilit fl-Anness I.".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (2) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(2) Il-Liċenzi għall-Kaċċa fir-Rebbiegħa li jistgħu jinħarġu taħt dawn ir-regolamenti għandhom ikunu soġġetti għal ħlas ta' dritt ta' mhux aktar minn ħamsin euro (€50) għal kull liċenza.";

(b) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi mħassarl u

(ċ) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġu enumerat mill-ġdid bħala s-subregolament (3).

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

**4.** Ir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu minflok il-kliem "li jidhru fl-Anness 1 ma' dawn ir-regolamenti bħala bażi" għandhom jidħu l-kliem "li jidhru fl-Anness 1 ma' dawn ir-regolamenti bħala bażi u waqt illi jitqies l-istat ta' konservazzjoni taż-żewġ speċi konċernati u ż-żamma tal-popolazzjoni tal-ispeċi fuq livell sodisfaċenti;"; u

(b) il-paragrafu (h) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(h) tipprovdi li l-kaċċa tista' ssir biss mit-Tnejn sal-Ġimgħa minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sat-tlieta ta' wara nofsinhar u nhar ta' Sibt minn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx sa nofsinhar;".

**L.N. 83 of 2011**

## ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 504)

### Conservation of Wild Birds (Framework for Allowing a Derogation Opening a Spring Hunting Season for Turtle Dove and Quail) (Amendment) Regulations, 2011

BY VIRTUE of the powers conferred by articles 61 and 62 of the Environment and Development Planning Act, the Prime Minister has made the following regulations:

Citation.

**1.** The title of these regulations is the Conservation of Wild Birds (Framework for Applying a Derogation Opening a Spring Hunting Season for Turtledove and Quail) (Amendment) Regulations, 2011 and these regulations shall be read and construed as one with the Conservation of Wild Birds (Framework for Applying a Derogation Opening a Spring Hunting Season for Turtledove and Quail) Regulations, hereinafter referred to as "the principal regulations".

S.L. 504.94

Amends regulation 3 of the principal regulations.

**2.** In regulation 3 of the principal regulations for the words "by means of a notice in the Gazette." there shall be substituted the words "by means of a notice in the Gazette:" and immediately thereafter there shall be added the following new proviso:

"Provided that the Minister shall not open the spring hunting season when the hunting for the two species concerned during the previous autumn hunting season may be considered as having constituted a satisfactory solution in terms of Article 9(1) of Directive 2009/147/EC of the European Parliament and of the Council of 30 November 2009 on the conservation of wild birds, and taking into consideration the thresholds established in Annex I.".

Amends regulation 4 of the principal regulations.

**3.** Regulation 4 of the principal regulations shall be amended as follows:

(a) subregulation (2) thereof shall be substituted by the following:

"(2) The Spring Hunting Licences which may be issued under these regulations shall be against payment of a fee not exceeding fifty euro (€50) for each licence.";

(b) subregulation (3) thereof shall be deleted; and

(c) subregulation (4) thereof shall be renumbered as subregulation (3).

Amends regulation 5 of the principal regulations.

**4.** Regulation 5 of the principal regulations shall be amended as follows:

(a) in paragraph (a) thereof for the words "contained in Annex 1 to these regulations;", there shall be substituted the words "contained in Annex I to these regulations and taking into consideration the conservation status of the two species concerned and the maintenance of the population of the species at a satisfactory level;"; and

(b) for paragraph (h) thereof there shall be substituted the following new paragraph:

"(h) provide that hunting can only take place on Monday to Friday from two hours before sunrise to three o'clock in the afternoon and on Saturdays from two hours before sunrise to noon;".

---

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper***

**Prezz/*Price***
**€0.19**